KLR 44/V/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhat it-Tnejn 23 ta' Marzu 2009 fid-9.30 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-membri Joseph Debrincat, Josef Schembri, Marcell Tabone u Michel Buttiġieġ.

SKUŻATA:- Il-membru Josephine Cassar.

Intqalet it-talba u ġew approvti l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

Il-kunsillier Schembri ġibed l-attenzjoni li x-xatba tal-grawnd Leli Farruġia għadha mhix tingħalaq. Is-sidien ta' 'The Duke' għandhom jiġu nfurmati b'dan.

Il-kunsillier M. Tabone talab sabiex issir bozza ġdida fit-triq ta' wara 'The Duke'. Il-membri qablu.

1.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-kotba li l-Kunsill jixtri sabiex jingħataw f'jum il-premjazzjoni fl-iskejjel tar-Rabat, nagħtu kopja tagħhom lill-librerija ta' l-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca. Il-membri qablu.

1.4 Inġibdet l-attenzjoni li d-dawl tal-grawnd Leli Farruġia qed ikun mixgħul wara li jispiċċa t-taħriġ tal-klabbs tal-futbol. Il-membri qalu li t-tlett klabbs jiġu mgħarrfa b'dan u jieħdu ħsieb li jaqflu l-kamra fejn hemm il-*metre* tad-dawl.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 126 ġiet imressaq mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Nitlob sabiex jintalab il-permess ta' l-Awtorita' Dwar it-Trapsort (ADT) biex terġa' ssir taxi stand f'parkeġġ minn ta' Pjazza Sabina.**

Il-membri qablu li din terġa' tiġi diskussa peress li fi Pjazza Indipendenza hemm *taxi stand* li tesgħa sitt vetturi u rari tkun mimlija kollha.

Mozzjonijiet 127 u 128 ġew imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondati mill-kunsilleir Schembri.

**Mozzjoni 127**

**Ġejt mitlub mir-residenti ta' Blokk IA f'taċ-Ċawla H.E. li għandhom il-faċċata tal-blokk fi Triq Patri Anton Debono biex isiru *raod humps*. Dan minħabba li sikwit ikun hemm periklu ta' sewqan eċċessiv. Barra minn hekk fi triq oħra li qedgħa fl-istess inħawi u li tiżbokka fi Triq Patri Anton Debono qed ikun hemm ħafna inċidenti bil-karozzi peress li hemm ħajt tas-sejjieħ li jieħu sa nofs Triq Patri Anton Debono. Ma din il-mozzjoni qed nissottometti r-ritratti fejn jinkidaw li jekk issir *road hump* ma tkunx tiddistruba lill-ebda' bini.**

Il-membri qablu li kif isir is-soltu, jintalbu l-veduti tar-residenti ta' l-inħawi u sadanittant jintalab il-permess ta' l-ADT biex ir-*road hump* issir fil-parti fejn m'hemmx bini.

**Mozzjoni numru 128**

**Nitlob biex tiġi nstallat bozza ġdida fi Triq il-31 ta' Marzu fid-daħla ta' maġenb il-kappella tar-Rgħaj it-Tajjeb. Malli jidlam din il-parti tat-triq hija mudlama ħafna tant li qed isir kull xorta ta' abbuż b'konsegwenza li r-residenti ta' dawk n-naħħat qed iħallu l-bozzoz tal-verandi tagħhom mixgħula. Ritratti ta' din it-triq qedgħin mhemuża mal-mozzjoni.**

Il-membri qablu li jinbeda l-proċedura biex issir bozza ġdida.

Mozzjonijet 129 u 130 ġew imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni 129**

**Nitlob biex madwar Pjazza Indipendenza issir *pedestrian area* beix ikun hemm lok għall-*un/loading* u jitħallew jidħlu karozzi *un/loading* għal Pjazza San Ġorġ. Dan minħabba li sa fejn naf jien, il-Kunsill għad m'għandux risposta minn għand is-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi. Nitlob ukoll sabiex issir mill-aktar fis possibli peress li jista' jinqala' xi nkwiet meta jibdew jarmaw tal-monti kollha fis-sajf.**

Il-membri qablu li l-Kunsill l-ewwel jistenna r-riżultat ta' wara l-laqgħa li s-Sindku għandu mas-Segretarju Parlamentari nhar il-Erbgħa 25 ta' Marzu 2009 rigward il-bye-law li l-Kunsill qed jiproponi dwar it-tqegħid ta' merċa barra mill-ħwienet.

**Mozzjoni 130** ġiet issekondata mis-Sindku.

**Nitlob sabiex titranġa bankina fi Triq Pompei u ssir rampa ġo fiha peress li s-sid hu persuna b'diżabilita'.**

Il-membri qablu li titranġa din il-bankina.

Mozzjoni nurmu 131 ġiet imressqa mill-kunsilliera Debrincat u ssekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni 131**

**Nitlob biex jinżebgħu *parking bays* fi Triq Forn il-Ġir u Triq Mattia Preti.**

Il-membri qablu li l-Perit iħejji l-pjanta biex tiġi approvata mill-ADT.

**3. Ġemellaġġ ma Nichelino**

Il-membri ħejjew il-programm għal meta jiġi l-grupp minn Nichelino bejn is-Sibt 25 u l-Erbgħa 29 ta' April 2009. Dan jinsab f'dokumnet A anness. Il-membri qablu li ssir laqgħa tas-sotto-kumitat tal-ġemellaġġ nhar it-Tlieta 7 ta' April fis-7.00 ta' filgħaxija. Il-kunsillier Debrincat talab biex għall-laqgħa li jmiss jitressaq rendikont tal-mawra li l-Kunsill għamel fi Frar li għadda f'Nichelino.

**4. Pjazza San Ġorġ**

Il-membri ġew mgħarrfa li saret applikazzjoni tal-MEPA biex titranġa l-*area* ta' fejn għandhom jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet tal-ħwienet tax-xorb u biex titneħħa t-tarġa ta' taħt il-funtana. Il-membri qablu li l-ħinijiet ta' l-*un/loading* f'din il-pjazza jkunu bejn is-06.00 u t-08.00, bejn is-13.00 u l-16.00 u bejn is-19.30 u d-21.00. Għandu jintalab il-permess tad-Direttur, Network Infrastructure Directorate fi ħdan l-ADT. Il-membri qablu wkoll li meta jasal il-granit, ix-xogħol ta' tqegħid jinbeda minn naħħa ta' Triq is-Suq.

**5. *Performance Bonus***

Il-membri qablu li dan jingħata lill-ħaddiema tal-Kunsill.

**6. Kommemorazzjoni – Kan. Joe Mejlak**

Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu laqgħa ma Joe Camilleri u ddiskutew l-possibilita' li tiġi organiżżata lejla fejn fiha jiġi kkommemorat il-Kan. Joe Mejlak u l-poeżiji li kiteb. Charles Beżżina u Joe Psaila ukoll ser joffru s-servizz tagħhom fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita'**.**

**7. Laqgħa tal-lokalita'**

Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 14 ta' April 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**8. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

Ġew approvati l-kontijet għax-xhur ta' Marzu u April 2009. Ara dokument Ċ anness.

## 9. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.1 id-Dipartiment għall-Gvern lokali rigward:-
9.1.1 Memo 10 li titratta l-Premju EDEN 2009, (European Destination of Excellence),
9.1.2 Memo 11 li titratta l-proġett sostenibbli għat-tfassil ta' strateġija ta' żvilupp sosotenibbli. Il-membri qablu li l-Kunsill juża l-informazzjoni li għandu rigward l-applikazzjoni li kien issottometta għall-iżvilupp taċ-Ċentru Storiku tar-Rabat u japplika għal dan il-proġett;
9.1.3 Memo 12 dwar fond ta' ko-finanzjament għal proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt programmi ta' l-Unjoni Ewropea,
9.1.4 Memo 13 dwar dettalji fuq l-skemi ta' l-attivitajiet kulturali, proġetti *energy saving* u inizjattivi sportivi,
9.1.5 Memo 17 fuq konferenzi internazzjonali f'Malta;
9.1.6 l-allokazzjoni finanzjaraja għas-sena 2009/2010 li hi ta' €431,170; €58,583 aktar mis-sena ta' qabel. Il-Kunsill hu obbligat li €62,341 jonfoqhom kollha għall-knis tat-toroq u €51,378 jonfoqhom kollha fit-tiswija tat-toroq;

9.2 l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) rigward:-
9.2.1 il-ħruġ tal-permess għall-*keep clear* quddiem il-Banif Bank fi Triq Repubblika;
9.2.2 it-talba biex isir parkeġġ riservat għaż-żewġ Arċiprieti tar-Rabat. L-ADT ma tistax toħroġ dawn il-permessi peress li t-talba mhix konformi mal-linji gwida ta' l-Awtorita';
9.2.3 il-ħruġ tal-permess sabiex l-*area* ta' wara l-*playing field* fejn hemm l-SPCA issir *No Entry Except for BOV, SPCA and Garage Owners*. Dan minħabba l-fatt li qed jipparkjaw bosta vetturi li jgħalqu l-entratura għal dawn il-garaxxijiet;

9.3 Margret Debrincat li talbet sabiex isir *double yellow line* twil metru mal-ġnub tal-garaxx tagħha fi 30/31 Triq San Duminku. Dan minħabba l-fatt li bil-vetturi pparkjati eżatt mal-garaxx ma tkunx tista toħroġ jew iddaħħal il-vettura tagħha. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-ADT;

9.4 John Borġ li talab *un/loading* quddiem il-ħanut tiegħu, Divine Houseware, fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Din it-talba ser titressaq quddiem l-ADT;

9.5 Lorry Spiteri li talab għal *un/loading* quddiem il-ħanut tiegħu f'63A fi Triq ir-Repubblika. Din it-talba ser titressaq lill-ADT;

9.6 l-Ombusdman fejn talab dettalji rigward il-kaxxi vojta li hemm fuq il-monti tar-Rabat. Il-membri qablu li r-risposta tkun li uffiċċjalment għad m'hemmx posti vojta fuq il-monti;

9.7 l-Av. Samuel Azzopardi għan-nom ta' Joanne Cassar li tokkupa kaxxa numru 30 fil-monti, għan-nom ta' Ċettina Xuereb li tokkupa kaxxa numru 31 minn tal-monti. Dawn qablu li jalternaw il-kaxxi msemmija, jiġifieri Joanne Cassar tiġi tokkupa kaxxa

numru 31 u Ċettina Xuereb tiġi tokkupa kaxxa numru 30. Il-membri ma sabux oħħezzjoni;

9.8 Frankie Grech u ħuħ Joe Grech li huma okkupanti ta’ kaxxi minn ta’ fuq il-monti, fejn kitbu li ma jisubx oġġezzjoni biex il-kaxxa li jokkupa Raymond Cassar titressaq kif indikat lill-Kunsill;

9.9 Joe Schembri, Policy Manager fi ħdan il-Ministeru ta’ l-IT fejn ressaq dettalji rigward il-porposta għall-*bus terminus* ġdida fir-Rabat permezz tar-riforma fit-trasport pubbliku. Iż-żewġ proposti jindikaw li l-*bus terminus* il-ġdida ssir jew fejn hemm Pjazza l-Assedju t’Għawdex jew fil-parkeġġ il-kbir. Il-Kunsill ma qablix ma dawn il-proposti u jaqbel li tiġi rijabilitata l-*bus terminus* eżistenti. Is-Sindku tenna li ser issir laqgħa mal-Kunsill biex jingħataw aktar dettalji rigward din ir-riforma.;

9.10 l-Onor. Dr. John Attard Montalto MEP fejn feraħ lill-Kunsill fl-okkażjoni ta’ l-iffirmar tal-ġemellaġġ mal-Belt ta’ Nichelino;

9.11 Joaquim Fernandes fejn talab sabiex il-Kunsill iselliflu s-sala biex tintuża għal-*prayer meetings*. Il-membri ma qablux peress li din is-sala tintuża għall-wirjiet u korsijiet organiżżati mill-Kunsill;

9.12 il-MEPA rigward diversi avviżi li ntbgaħtu lill-sidien ta’ egħlieqi li għandhom oġġetti mormija fil-propjeta’ tagħhom. Il-MEPA ordnat it-tneħħija ta’ dawn l-oġġetti.

9.13 l-Education, Audiovisual and Cultrual Executive Agency fejn ġew approvati €18,653.60 sabiex jiġu finanzjati l-attivtajiet tal-ġemellaġġ li ser isir ma Nichelino bejn is-Sibt 25 u l-Erbgħa 29 ta’ Arpil 2009. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li ser issir applikazzjoni sabiex il-ko-finanzjament tal-Kunsill jinħareġ minn naħħa tal-Gvern Ċentrali. Dan permezz ta’ skema skond Memo 12 imsemmija f’punt 9.1.3 hawn fuq;

9.14 Joseph Caruana li joqgħod f’34, Triq l-Assunta. Hu talab sabiex isir bank f’dan l-isqaq. Il-Kunsill talab il-veduti tar-residenti ta’ dan l-isqaq u ħadd ma qabel. Il-membri qablu li dan il-bank ma jeħilx;

9.15 Nicky Vassallo għan-nom ta’ PolitecnicaSoc. Coop, li ħadet l-offerta tal-proġett tal-Masterplan taċ-Ċittadella. Intalab sabiex issir laqgħa mal-Kunsill sabiex jingħataw il-veduti rigward il-proġett. Intbgħatet risposta mis-Sindku lis-Sur Vassallo. Kopja ta’ l-ittra qed tiġi annessa.

9.16 Paul M Cassar fejn propona li fl-ewwel parti ta’ Triq Vajrinġa jsir *double yellow line* fejn diġa’ hu ndikat li din il-parti tat-triq hi *clamping zone*. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta’ l-ADT;

9.17 Paul M Cassar ukol li talab sabiex waqt li Triq Vajrinġa tkun magħluqa filgħodu sabiex it-tfal jidħlu fl-iskola primarja hu jkun jista’ joħroġ bil-vettura tiegħu mill-garaxx

biex iwassall lin-nepputijiet fi skola fir-raħal ta' Kerċem. Il-membri qablu li s-Supretendet tal-Pulizija jiġi mgħarraf b'din il-problema.

9.18 Lelio Spiteri, aġent Kap ta' l-iskola Sir Arturo Mercieca fejn issuġġerixxa li l-aħħar *barrier* li hemm fil-kantuniera ta' Triq Sir Arturo Mercieca titneħħa jew issir tinqala'. Dan minħabba li meta jkun hemm il-vetturi pparkjati t-tfal isibuha diffiċli sabiex joħroġu mill-iskola. Il-membri ma qablux minħabba l-fatt li waqt li t-tfal joħorġu mill-iskola, Triq Vajrinġa tkun magħluqa għat-traffiku, jkun hemm il-preżenza ta' Pulizija u l-aċċess għall-bieb prinċipali ta' l-iskola hu dejjem liberu;

9.19 Modelle International sabiex il-Kunsill jinnomina tfajla għall-konkors Miss World Malta. Il-membri qablu li hu diffiċċli għall-Kunsill li jagħżel dawn it-tfajliet minħabba l-fatt li l-Kunsill ma jkunx irid li bid-deċiżjoni li tittieħed ikun hemm min jista' jiġi eskluż minn din il-kompetizzjoni u dan mingħajr ma tkun l-intenzjoni;

9.20 l-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira fejn talbu l-permess sabiex tiġi organiżżata l-Passjoni fit-toroq nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2009. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

9.21 The Gozo Youth Wind Band & Orchestra fejn talbu permess biex jorganiżżaw attivita' nhar it-3 ta' Awwissu 2009. Din il-korrispondenza għandha titħalla għall-Kunsill li jmiss;

9.22 is-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill peress li fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju ser jiorganiżżaw programm minn banda Taljana. Il-membri qablu li d-deċiżjoni titħalla għall-Kunsill li jmiss.

**10. Materji oħra**

10.1 Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-preżenti li saret applikazzjoni mal-MEPA (PA00405/09) minn naħħa ta' Direttur Proġetti u Żvilupp sabiex isir ir-restawr fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li tinsab fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma Triq Patri Manwel Magri. Mozzjoni 97 li tressqet mill-Kunsillier Schembri kienet titlob li jsir dan ir-restawr.

Il-membri qalbu li:-

10.2 jinbdew isiru l-preparamenti sabiex jinħareġ il-fuljett tal-Kunsill;

10.3 ssir *traffic mirror* fi Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli faċċata ta' Triq il-Belliegħa;

10.4 jitneħħa l-*cable* tad-dawl li hemm mal-faċċata ta' blokk B f'taċ-Ċawla H.E. u ssir trinka biex dan il-*cable* jgħaddi minnha u ma jkunx imiss mal-blokk;

10.5 Gatt Tarmac Ltd. Li hu l-kuntrattur li għamel ix-xogħol tat-tarmac f'Qasam San Ġorġ jiġi nfurmat li quddiem id-dar 'Santa Maria – Australia House' qed jinżamm l-ilma tax-xita;

10.6 r-*road hump* fi Triq Francesco Masini ma ssirx peress li l-maġġoranza tar-residenti ma qablux magħha;

10.7 jintalab il-peremess ta' l-ADT sabiex issir *road hump* fi Triq l-Assunta peress li l-maġġoranza tar-residenti jaqblu li din issir;

10.8 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex fil-bidu ta' Triq Għajn Qatet ninflok issir ir-*road hump* propsota jsiru *rumble strips*. Dan sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-veloċita' li biha jgħaddu l-vetturi minn din il-parti tat-triq li hi dejqa ħafna;

10.9 l-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-festival Gaulitana u mgħandiex tinqabeż is-somma ta' €232.

10.10 Ġie mistieden jidħol fil-kamra is-Sur Paul Portelli sabiex iressaq il-proposta tiegħu rigward servizz ta' *mini train* li toffri trasport kull nofs siegħa madwar ir-Rabat u fiċ-Ċitadella. Is-Sindku qal li f'Malta inħareġ permess mill-ADT għal xi ħaġa simili fir-Rabat ta' Malta u fl-Imdina. Tenna li l-Kunsill jista' jippromwovi dan is-servizz pero' jekk jiddeċiedi li joffri dan is-sevizz trid issir sejħa għall-offerti. Għadaqstant ġie suġġerit li s-Sur Portelli jagħeml talba minn naħħa tiegħu sabiex jinħareġ permess mill-ADT.

10.11 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li madwar xahrejn ilu l-MEPA talbet lill-Ministru għal Għawdex sabiex tibgħat ittra fejn turi li l-*playing field* m'għadiex inkluża mal-proġett taċ-Ċentru Komunali. Din l-ittra saret minn naħħa tal-Ministeru pero' għal xi raġuni l-ittra trid issir mill-Prim Ministru. Is-Sindku nfurmat li fil-ġranet li ġejjin il-Prim Ministru għandu jibgħat din l-ittra lill-MEPA. Permezz ta' din l-ittra, il-MEPA tkun tista' tibda proċess ta' konsultazzjoni dwar l-iżvilupp propost mill-Kunsill.

10.12 Is-Segretarja Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li hi u s-Sindku ffirmaw il-ftehim mal-MEPA li juri li l-MEPA ser tiffinanzja l-proġett tad-dawl ġdid għall-Pjazza Indipendenza. L-ammont approvat hu ta' €25,010.88.

10.13 Is-Sindku għaraf lill-membri li saru tlett applikazzjonijiet għall-programmi fi ħdan l-prgramm MED. Dawn huma (a) 'The Ancient Routes of the Mediterranean Sea – A.R. MED.SEA', (b) 'Eco Outdoor ligthing in Mediterreanean historical towns – Ecolight' u (ċ) 'Access to innovative e-services supporting tourism and rural economuy in Remote communities within Mediterreanean Europe. e-Remote' li qed isir mal-Gozo Business Chamber.

Il-laqgħa spiċċat fis-2.30 ta' wara nofs in-nhar u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 13 ta' Mejju 2009 fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone<br>Sindku | Miriam Attrd<br>Seg. Eżekuttiv |